

# Marija Santissima Addolorata u l-Filatelija

**tagħrif miġbur minn Keith Muscat**

Il-Filatelija hija wieħed mill-eqdem passatempi u tikkonsisti f'li wieħed iżomm kollezzjoni ta' bolol. Illum, tista' tgħid li kull pajjiż għandhu is-sistema postali tiegħu u l-Filatelisti (nies li jġemmgħu l-bolol) jgħoddu bil-miljuni. Forsi tistaqsu, dan id-delizzju x'għandu x'jaqsam mal-festa tar-raħal? Ma hemm l-ebda konnessjoni diretta, imma hemm sezzjoni ta' Filatelisti li jispeċjalizzaw fuq bolol li jkollhom suġġett ta' natura reliġjuża. Fost l-oqsma tas-suġġetti reliġjużi li nsibu fuq il-bolol insibu dawk Marjani.

Ġietni l-kurżita u fittixt fuq dawk il-pajjiżi li fil-kollezzjoni ta' bolol tagħhom għandhom ix-xbieha ta' Marija Santissima, taħt it-titlu ta' l-Addolorata. Sintendi f'dan il-ktejjeb m' għandix l-ispazju biex inġib kull bolla li fuqha hemm ix-xbiha tal-Patruna tagħna għax in-numru huwa sorprendentement kbir. Illimitajt għalhekk għal bolla għall uħud mill- pajjiżi li fil-kollezzjoni tagħhom sibt minn dawn it-tip ta' bolli.




## Andorra

Din il-bolla li ġġib l-isem ta' *The Sorowful Madonna*, tifforma parti minn sett ta' tlieta, li ħareġ għall-bejh nhar il-25 ta' Settembru 1967. Is-sett juri riproduzzjonijiet ta' affreski li jinsabu *f'Maison des Valless*, il-post fejn kien jiltaqa' il-Kunsill tal-belt.




## Anguilla

*The Crucifixion* huwa t-titlu ta' din il-bolla li ħarġet fl-Anguilla, nhar il-31 ta' Marzu 1969, fl-okkażjoni tal-Għid Imqaddes. Il-bolla hija riproduzzjoni ta' pittura ta' Massys li tinstab fil-London National Gallery.



## Arġentina



Il-famuża skultura *Pietà* ta' Michelangelo, intużat biex issebbaħ din il-bolla, maħruġa mill-Eva Peron Foundation, fl-Arġentina, fl-1951. L-Iskultur Michelangelo Buonarroti (1475-1564) skolpixxa dan il-kapolavur meta' kellhu biss erba' u għoxrin sena. Din l-istatwa tinsab fil-Vatikan.





## Belġju



*Descent from the Cross* huwa t-titlu li għandha din il-bolla maħruġa fil-Belġju fl-1939. Din il-bolla turi pittura ta' Peter Paul Reubens (1577-1640) li tinsab fil-Katidral ta' Antwerp.

## Bhutan




Fit-22 ta' April 1965, il-Bhutan ħareġ din il-bolla f'okkażjoni tan-*New York World's Fair*. Il-bolla turi li Buddha flimkien ma l-Pietà, li kienet fil-paviljun tal-Vatikan f'din il-fiera.



## Ċipru

Din il-bolla ħarġet nhar it-8 ta' Novembru 1967, biex tfakkar esebizzjoni ta' arti Ċiprjotta fil-LLouvre (Franza) fis-snin 1967-1968. Fuq il-bolla naraw ikona li turi l-Krucifissjoni, impittra fis-Seklu 13 minn Nicosai.




## Ċekoslovakkja

Anke dan il-pajjiż ex-Kommunist, li llum ma' għadux fil-forma li kien meta' ħarġet din il-bolla, kellu fil-kollezzjoni tiegħu bolol bit-tema Marjana. Fosthom insibu *Crucifixion*. Din il-bolla turi pittura li Vincent Hioznic pitter fl-1950 u li tinsab fil-Prauge National Gallery. L-ewwel li dehret kienet fil-25 ta' Novembru 1969.





## Ekwador

Din il-bolla li ħarġet fl-1957, turi xbiha ta' Marija Addolorata li tpittret fl-1896 u tinsab fis-St Gabriel College fi Quito. Il-qalb ta' Marija SSMA hija minfuda minn sebat isjuf li jirrappreżentaw is-seba' duluri, filwaqt li f'idejha hemm il-kuruna tax-xewk u l-imsiemer.



## Ġordan

Din il-bolla li turi lil Kristu jiltaqa' ma' Ommu tifforma parti minn sett ta' 14, li juri l-Via Sagra. Is-sett ħareġ taħt l-isem ta' *Via Dolorosa* f'Settembru 1966.



## Italja

Din il-bolla li ħarġet fl-1 ta' Jannar 1955 turi dettall mill-iskultura ta' Michelangelo, Pietà, li tinsab fil-Vatikan.



## Jugoslavja



Dan il-pajjiż illum ma għadux fl-istess forma ġeografika li kien fiha meta ħarġet din il-bolla, fl-20 ta' April 1968. Din turi pitturi tas-Seklu 13 - il-Kruċifissjoni - ikona li tinstab fil-Knisja ta' San Klement, f'Ohrid.



## Liechtenstein

Dan il-pajjiż ħareġ tliet bolol b'tema Marjana għall-Milied tal-1962. Waħda minnhom turi l-Pietà, xogħol ta' skultur mhux magħruf li nħadmet fl-1490. Din l-istatwa, li hi għolja 32 pulzier, ġiet irrestawrata minn A. Gassner fl-1948 u tinstab fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl f'Maureen.

## Malta



Nhar it-12 ta' April 2006, il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' ħames bolol li jfakkru l-Ġimgħa Mqaddsa. Fosthom hemm din il-bolla li turi l-Vara l-Kbira tal-Proċessjoni tal-Mosta, xogħol ta' Karlu Darmanin (1869). Ir-ritratt hu ta' Joseph P. Smith.



## Monaco



Il-bolla tal-10 Franki, maħruġa fl-1955 turi dettall tal-Pietà, pittura tal-artist Louis Brea (1443-1520). Din il-pittura tinstab fil-Katidral ta' Monaco.

Hemm ħafna aktar bolol li juru temi Marjani però minħabba limitazzjoni ta' spazju se jkolli nieqaf hawn. Jekk tinqala' l-opportunità 'il quddiem inkomplu nesploraw din it-tema fil-publikazzjonijiet tas-snin li ġejjin.


ANTOINE'S BUTCHER

Fresh Frozen Foods

St. Paul's Street, St. Paul's Bay

*Daily Fresh*
*Chicken • Chicken Parts*

Tel: 21 581500

